**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Awwissu, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 365/2024 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 2019/2023 fl-ismijiet:

**Geranzio Cuschieri u Maria Victora *sive* Rima Cuschieri**

**vs**

**Norman Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Norman Zammit, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet illi:

1. Tohrog kontro-mandat parzjali a tenur tal-Artikolu 836(1)(f), (7) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi jigi rilaxxat il-proprjetà kollha tieghu, hlief il-proprjetà indikat fir-rapport tal-Perit Samuel Formosa;

2. Timponi penali a tenur tal-Artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-kreditur noe huwa *in mala fede*.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' Geranzio Cuschieri u Maria Victoria Cuschieri.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Norman Zammit qed jitlob lil din il-Qorti thassar parzjalment mandat ta' inibizzjoni mahrug fil-konfront tieghu minn Geranzio Cuschieri u Maria Victoria Cuschieri sabiex dawn tal-ahhar iqeghdu fis-sod kreditu ta' madwar €25,000 li jsostnu li ghandhom. Norman Zammit qieghed jipproponi li l-mandat jithalla jolqot biss proprjetà immobbli fil-Bahrija stmata fil-valur ta' €54,000. Huwa jsejjes it-talba tieghu fuq l-Art. 836(1)(f) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Finalment huwa donnu jsemmi is-subinciz 7 tal-Art. 836 li jipprovdi testwalment illi:

> *"Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l-att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il-kontromandat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur."*

Il-Qorti qeghda tqis iz-zewg kawzali flimkien ghaliex it-tnejn jidhru li jolqtu diskrepanza bejn il-valur attwali tal-proprjetà mizmuma u l-ammont tal-kreditu pretiz.

Premess illi l-Qorti f'din il-proceduri tasal ghad-decizjoni taghha fuq bazi ta' dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn, issib li t-talba ta' Norman Zammit mhijiex gustifikata. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda prova li l-proprjetà offerta b'garanzija mhijiex milquta b'xi pizijiet jew jekk l-istess Norman Zammit ghandux debiti ohrajn minbarra dak li qieghed jirreklama Geranzio Cuschieri.

F'dawn ic-cirkostanzi wiehed kien jistenna li r-rikorrenti jipprezenta ricerki aggornati biex forsi mbaghad il-Qorti tkun tista' tevalwa s-sitwazzjoni realistikament. Ma sar xejn minn dan.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Norman Zammit.

L-ispejjez jithallsu minn Norman Zammit.

IMHALLEF